IR-RABAT

**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**

* **MINUTI tal-Laqgħa A 27** — Data u ħin
**Il-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija Itaqa' nhar**
**It-Tlieta 19 ta' Frar 2013 fis-6.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat**

**Preżenti:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Ċerpersin | |
| Is-Sur Paul Galea | Viċi Ċerpersin | |
| Is-Sur Anġlu Portelli | Membru | 6.20 pm |
| Is-Sur George Attard | Membru | |
| Is-Sra Joan Ann Farrugia Galea | Membru | |

Il-laqgħa bdiet fis-6.00 pm

**1.00 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A26**

1.01 Iċ-Ċerpersin Paul Grech ippropona li l-minuti tas-seduta A26 tal-Kumitat Amministrattiv ta' tal-Baħrija jittieħdu bħala moqrija. Issekonda din il-proposta s-Sur George Attard. — Qari u approvazzjoni tal-Minuti A26

**2.00 Korrezzjonijiet tal-Minuti A26**

2.01 Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni. — Korrezzjonijiet tal-Minuti A26

**3.00 Punti li joħorġu mill-Minuti A26** — Punti li joħorġu mill-Minuti A26

3.01 5.01 Is-Sur Paul Grech informa 'l laqgħa li x-xogħol fuq il-*playingfield* beda u miexi b'ritmu tajjeb. Is-Sna Orietta Masini Cardona saħqet li t-tapit kien ġie ordnat b'żewġ kuluri differenti, iżda l-kuntrattur ma kellux fl-istock u għaldaqstant bħalissa kienu qed isiru d-diskussjonijiet mal-kuntrattur dwar kif kienu ser jipproċedu. — 'Playing field'

3.02 6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informat 'l laqgħa l-laqgħa li din il-kwotazzjoni ħarġet u ser tagħlaq fis-6 ta' Marzu 2013. — Kwotazzjoni tal-knis

** Is-Sur Anġlu Portelli daħal għal-laqgħa fis-6.20 pm.



8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

3.03 7.04 Is-Segretarju Eżekuttiv informat 'l-laqgħa li l-Kunsill applika għal dawn is-sinjali ma' Transport Malta. *Double Yellow Lines* fi Triq il-Lewż

**4.00 Kommunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

4.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informat 'l-laqgħa li l-kwotazzjoni għat-tindif u ż-żamma tal-latrina pubblika ħarġet u ser tagħlaq fis-6 ta' Marzu 2013. Kwotazzjoni tat-tindif u ż-żamma tal-latrina pubblika

4.02 Is-Segretarju Eżekuttiv informat 'l-laqgħa li l-Kunsill irċieva lment dwar il-ħin tal-ġbir tal-iskart peress li l-iskart qed jinġabar kmieni filgħodu. Ġie deċiż li ninfumaw lill-kuntrattur sabiex jibda jiġbor l-iskart ftit aktar tard mis-7.00 ta' filgħodu. Ġbir tal-iskart

**5.00 Kommunikazzjoni mill-membri**

5.01 Is-Sur Paul Galea talab li l-iskart jibda jinġabar minn Triq il-Palazz. Gie deċiż li navviċinaw lill-kuntrattur sabiex jibda jgħaddi minn din it-triq bl-iscammil iż-żgħir peress li din hija triq dejqa ħafna. Ġbir tal-iskart fi Triq il-Palazz

5.02 Is-Sur Paul Galea talab li jsiru applikazzjoni mal-Korporazzjoni Enemalta għal bozoz ġodda fi Triq in-Namura u f'Wied Rini peress li dawn it-toroq m'humiex imdawwlin biżżejjed. Talba għal bozoz ġodda

5.03 Is-Sna Joan Ann Farrugia Galea staqsiet dwar fiex wasal l-iżvilupp ta' quddiem il-knisja. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat 'il-laqgħa li ma rċevejna xejn aktar dwar dan l-iżvilupp. Żvilupp ta' quddiem il-knisja

5.04 Is-Sna Joan Ann Farrugia Galea saħqet li meta kienu ġew asfaltati t-toroq tal-Baħrija bil-fondi li kienu ġew allokati lill-Kunsill mill-ADT, il-kuntratt kien jinkludi li jsiru s-sinjali tat-traffiku wara li jitlestew it-toroq. Però dawn is-sinjali baqgħu ma sarux. Ġie deċiż li għandha ssir referenza mal-file tal-Kunsill sabiex nivverifikaw dan kollu. Sinjali tat-traffiku

5.05 Is-Sur George Attard saħaq li qed isuqu l-muturi fuq ix-xagħri ta' quddiem il-knisja. Is-Segretarju Eżekuttiv informat 'il-laqgħa li l-pulizija diġà huma infurmati dwar dan il-każ. Ġie deċiż li nerġgħu ngħaddu dan ir-rapport lill-pulizija. Sewqan ta' muturi fuq ix-xagħri

5.06 Is-Sur Anġlu Portelli informa 'l-laqgħa li fid-19 ta' Frar 2013 il-fossa tal-Baħrija għamlet ġurnata tfur. Huwa saħaq li saret petizzjoni iżda xorta waħda baqa' ma sar xejn. Żbroff tad-drenaġġ

6.00 **Budget għas-sena 2013**

6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat il-*budget* għas-sena 2013. Hi infurmat 'il-laqgħa li peress li l-Kunsill għadu ma jafx kemm ser tkun l-allokazzjoni għal din is-sena, qed nimxu mal-allokazzjoni tas-sena l-oħra. — Budget għas-sena 2013

Is-Sna Joan Ann Farrugia Galea staqsiet jekk il-bandli ta' Misraħ Patri Martin Caruana kienx inkluż fil-budget tas-sena 2013 jew inkella fil-budget tas-sena 2012.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li l-bandli diġà kien ibbaġitjat fis-sena 2012.

Għaldaqstant il-budget ġie approvat kif ippreżentat.

7.00 **Aġġornament**

7.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 26 ta' Marzu 2013 fis-6.00 p.m. — Aġġornament

7.02 Il-laqgħa ntemmet fis-7.15 pm.

| | |
|---|---|
| **Paul Grech** | **Orietta Masini Cardona** |
| **Ċerpersin** | **Segretarju Eżekuttiv** |